



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 1 ta' Frar 2005

**16238/1/04
REV 1**

CONCL 4

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
16/17 TA' DIĊEMBRU 2004**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu hawn meħmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (16/17 ta' Diċembru 2004).

1. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn spjega mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita bi skambju ta' fehmiet. Wara dan, il-Kunsill Ewropew żamm laqgħa mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, is-Sur Kofi Annan.
2. Il-Kunsill Ewropew laqa' lill-President tal-Kummissjoni, is-Sur José Manuel Barroso. Ikkongratulah dwar l-assunzjoni tal-mandat tal-Kulleġġ tiegħu u esprima x-xewqa tiegħu li jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni l-ġdida.
3. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-punti li ġejjin
 - I. Tkabbir
 - II. It-Terroriżmu
 - III. Il-Qafas Finanzjarju 2007-2013: prinċipji u linji gwida
 - IV. Żona ta' Libertá, Sigurtá u Ġustizzja: l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi 2005-2012
 - V. Affarijiet Esterni
 - VI. Kwistjonijiet oħra

o
o o

I. TKABBIR

Ġenerali

4. Il-Kunsill Ewropew laqa' s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2004 lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fir-Rapporti Regolari tagħha dwar il-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija, id-Dokument Strateġiku dwar il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, ir-Rakkomandazzjoni tagħha dwar it-Turkija u d-dokument dwar Kwistjonijiet li Jitqajmu mill-Perspettiva tas-Sħubija tat-Turkija.

5. Bl-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea miksba b'suċċess, il-Kunsill Ewropew esprima d-determinazzjoni tiegħu biex ikompli l-proċess li mpenja ruħu fih mal-pajjiżi kandidati, u b'hekk jikkontribwixxi għall-prosperità, l-istabbiltà, is-sigurtà u l-unità ta' l-Ewropa. Marbut ma' dan, fakkar li l-kapaċità ta' l-Unjoni biex tassorbi membri ġodda, waqt li żżomm il-momentum ta' integrazzjoni Ewropea, hi kunsiderazzjoni importanti fl-interess ġenerali kemm ta' l-Unjoni kif ukoll tal-pajjiżi kandidati.

Il-Bulgarija

6. Il-Kunsill Ewropew fakkar li kull kapitolu mhux konkluż fin-negozjati ta' l-adeżjoni mal-Bulgarija kien ġie magħluq proviżorjament iktar kmieni fl-2004. Laqa' t-twettiq b'suċċess ta' dawn in-negozjati mal-Bulgarija fl-14 ta' Diċembru 2004 u għaldaqstant jistenna bil-ħerqa li jilqagħha bħala membru minn Jannar 2007.
7. Wara li nnota debitament il-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li l-Bulgarija ser tkun tista' tassumi l-obbligi kollha tas-sħubija fiż-żmien previst ta' l-adeżjoni tagħha, bil-kondizzjoni li tkompli bl-isforzi tagħha għal dak il-għan u twettaq b'suċċess u debitament ir-riformi u l-impenji kollha meħtieġa meħuda fl-oqsma kollha ta' l-*acquis*. Klawżoli ta' salvagwardja ser jipprovdu għal miżuri biex jiġu trattati problemi serji li jistgħu jqumu qabel l-adeżjoni jew fit-tliet snin wara l-adeżjoni.
8. L-Unjoni Ewropea tkompli tagħmel monitoraġġ mill-qrib tat-tħejjijiet u l-kisbiet tal-Bulgarija, inkluża l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji meħuda fl-oqsma kollha ta' l-*acquis* u b'mod partikolari l-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni; għal dan il-għan il-Kummissjoni tkompli tissottometti rapporti annwali dwar il-progress tal-Bulgarija lejn l-adeżjoni, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet jekk xieraq.
9. Waqt li antiċipa t-twettiq b'suċċess mill-Bulgarija tat-tħejjijiet tagħha għall-adeżjoni ma' l-Unjoni, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għall-finalizzazzjoni tat-Trattat ta' l-Adeżjoni mal-Bulgarija u r-Rumanija bil-ħsieb ta' l-iffirmar tiegħu f'April 2005 fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni, bil-kondizzjoni li l-Parlament Ewropew jkun ta l-kunsens tiegħu.

Ir-Rumanija

10. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon li minħabba progress magħmul mir-Rumanija fl-implimentazzjoni ta' l-*acquis* u l-impenji meħuda b'mod partikolari fir-rigward tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Kompetizzjoni, hu possibbli li jingħalqu formalment il-kapitoli kollha li għadhom mhux konklużi ma' dan il-kandidat fl-14 ta' Diċembru 2004 u għaldaqstant jistenna bil-ħerqa li jilqagħha bħala membru minn Jannar 2007.
11. Wara li nnota debitament il-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li r-Rumanija ser tkun tista' tassumi l-obbligi kollha tas-Sħubija fiż-żmien previst għall-adeżjoni tagħha, bil-kondizzjoni li tkompli bl-isforzi tagħha għal dak il-għan u twettaq b'suċċess u debitament ir-riformi u l-impenji kollha meħtieġa meħuda fl-oqsma kollha ta' l-*acquis*, b'mod partikolari l-impenji importanti fir-rigward tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, tal-Kompetizzjoni u ta' l-Ambjent. Klawżoli ta' salvagwardja ser jipprovdu għal miżuri biex jiġu trattati problemi serji li jistgħu jqumu, skond ma jkun il-każ, qabel l-adeżjoni jew fit-tliet snin wara l-adeżjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Kompetizzjoni kif ukoll ta' l-Ambjent.
12. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tagħmel monitoraġġ mill-qrib tat-tħejjijiet u l-kisbiet tar-Rumanija, inkluża l-implimentazzjoni effettiva ta' l-impenji meħuda fl-oqsma kollha ta' l-*acquis* u b'mod partikolari fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, il-Kompetizzjoni u l-Ambjent; għal dan il-għan il-Kummissjoni ser tkompli tissottometti rapporti annwali dwar il-progress tar-Rumanija lejn l-adeżjoni, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet jekk xieraq.
13. Waqt li antiċipa t-twettiq b'suċċess mir-Rumanija tat-tħejjijiet tagħha għall-adeżjoni ma' l-Unjoni, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għall-finalizzazzjoni tat-Trattat ta' l-Adeżjoni mal-Bulgarija u r-Rumanija bil-ħsieb ta' l-iffirmar tiegħu f'April 2005 fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni, bil-kondizzjoni li l-Parlament Ewropew ikun ta l-kunsens tiegħu.

Il-Kroazja

14. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon il-progress magħmul mil-Kroazja fit-tħejjija għall-ftuħ tan-negozjati ta' l-adeżjoni.
15. Waqt li afferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2004, ħeġġeġ lill-Kroazja tiegħu l-passi meħtieġa għal koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY u tenna li l-akkużat li għad baqa' għandu jiġi lokalizzat u trasferit lill-Aja mill-iktar fis possibbli.
16. Stieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill proposta għal qafas għal negozjati mal-Kroazja, wara li jittieħed kont sħiħ ta' l-esperjenza tal-ħames tkabbir. Talab lill-Kunsill biex jaqbel dwar dak il-qafas bil-ħsieb li jinfetħu n-negozjati għall-adeżjoni fis-17 ta' Marzu 2005 bil-kondizzjoni li jkun hemm koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY.

It-Turkija

17. Il-Kunsill Ewropew fakkar il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu rigward it-Turkija, li fihom, f'Helsinki, qabel li t-Turkija kienet *Stat kandidat destinat li jissieħeb fl-Unjoni abbażi ta' l-istess kriterji applikati għall-Istati kandidati l-oħra* u, sussegwentement, ikkonkluda li, kieku kellu jiddeċiedi fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2004, *abbażi ta' rapport u rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li t-Turkija tissodisfa l-kriterji politiċi ta' Kopenhagen, l-Unjoni Ewropea tiftaħ negozjati għall-adeżjoni mat-Turkija mingħajr dewmien.*

18. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress deċiżiv magħmul mit-Turkija fil-proċess estensiv ta' riforma u esprima l-fiduċja tiegħu li t-Turkija ser issostni dak il-proċess ta' riforma. Barra minn hekk, jistenna li t-Turkija twettaq b'mod attiv l-isforzi tagħha biex iġġib fis-seħħ is-sitt punti speċifiċi ta' leġislazzjoni identifikati mill-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-irreversibbiltà tal-proċess ta' riforma politika u l-implimentazzjoni sħiħa, effettiva u komprensiva tiegħu, notevolment fir-rigward tal-libertajiet fundamentali u tar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, dak il-proċess ikompli jkun soġġett għal monitoraġġ mill-qrib mill-Kummissjoni, li hi mistiedna tkompli tirrapporta b'mod regolari dwaru lill-Kunsill, waqt li tittratta l-punti kollha ta' tħassib identifikati fir-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2004, inkluż l-implimentazzjoni ta' politika ta' tolleranza żero relatata mat-tortura u t-trattament ħażin. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-progress tar-riformi politiċi abbażi ta' Sħubija għall-Adeżjoni li tistabbilixxi prijoritajiet għall-proċess ta' riforma.
19. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni tat-Turkija li tiffirma l-Protokoll rigward l-adattament tal-Ftehim ta' Ankara, b'kont meħud ta' l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri ġodda. Fid-dawl ta' dan, laqa' d-dikjarazzjoni tat-Turkija li "il-Gvern Tork jikkonferma li hu lest jiffirma l-Protokoll dwar l-adattament tal-Ftehim ta' Ankara qabel il-bidu effettiv tan-negozjati ta' l-adeżjoni u wara li jintlaħaq ftehim dwar u jiġu finalizzati l-adattamenti li huma meħtieġa bil-ħsieb tas-sħubija attwali ta' l-Unjoni Ewropea".
20. Il-Kunsill Ewropew, waqt li saħaq dwar il-ħtieġa għal impenn inekwivokabbli lejn relazzjonijiet tajba bejn ġirien, laqa' t-titjib fir-relazzjonijiet tat-Turkija mal-ġirien tagħha u r-rieda tagħha biex tkompli taħdem ma' l-Istati Membri konċernati lejn riżoluzzjoni ta' dispuți pendenti dwar il-fruntieri, b'konformità mal-prinċipju ta' soluzzjoni paċifika ta' dispuți skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Skond il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, notevolment dawk ta' Helsinki dwar din il-kwistjoni, il-Kunsill Ewropew irreveda s-sitwazzjoni relatata ma' dispuți pendenti u laqa' l-kuntatti esplorattivi għal dan il-għan. F'dan ir-rigward afferma mill-ġdid il-fehma tiegħu li dispuți mhux solvuti, li jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq il-proċess ta' l-adeżjoni, għandhom jekk meħtieġ jitrexxu quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja biex jiġu solvuti. Il-Kunsill Ewropew għandu jinżamm infurmat bil-progress miksub li ser jirrevedi kif xieraq.

21. Il-Kunsill Ewropew innota r-risoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2004.
22. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-adozzjoni tas-sitt testi ta' leġislazzjoni identifikati mill-Kummissjoni. Iddeċieda li, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u tar-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, it-Turkija tissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji politiċi ta' Kopenhagen biex jinfetħu negozjati ta' adeżjoni bil-kondizzjoni li ddaħħal fis-seħħ dawn it-testi speċifiċi ta' leġislazzjoni.

Stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill proposta għal qafas għal negozjati mat-Turkija, abbażi ta' dak stabbilit fil-paragrafu 23. Talab lill-Kunsill sabiex jiftiehem dwar dak il-qafas bil-ħsieb li jinfetħu n-negozjati fit-3 ta' Ottubru 2005.

Qafas għal negozjati

23. Il-Kunsill Ewropew qabel li negozjati għall-adeżjoni ma' Stati kandidati individwali jkunu bbażati fuq qafas għal negozjati. Kull qafas, li jkun stabbilit mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jittieħed kont ta' l-esperjenza tal-ħames proċess ta' tkabbir u ta' l-*acquis* li qed jevolvi, ser jittratta l-elementi li ġejjin, skond il-merti proprji u s-sitwazzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat kandidat:

- Bħal fin-negozjati preċedenti, is-sostanza tan-negozjati, li tkun immexxija f'Konferenza Intergovernattiva bil-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri kollha min-naħa waħda u l-Istat kandidat min-naħa l-oħra, fejn deċiżjonijiet jeħtieġu l-unanimità, titqassam f'numru ta' kapitoli, kull wieħed minnhom ikopri qasam ta' politika speċifiku. Il-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità fuq proposta mill-Kummissjoni, ser jistabbilixxi livelli mitluba għall-għeluq proviżorju u, fejn xieraq, għall-ftuħ ta' kull kapitolu; skond il-kapitolu kkonċernat, dawn il-livelli mitluba ser jirreferu għal allinjament leġislattiv u *track record* sodisfaċenti ta' l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* kif ukoll għal obbligi li joħorġu minn relazzjonijiet kontrattwali ma' l-Unjoni Ewropea.

- Perijodi transitorji twal, derogi, arranġamenti speċifiċi jew klawżoli ta' salvagwardja permanenti, jiġifieri klawżoli li huma disponibbli b'mod permanenti bħala bażi għal miżuri ta' salvagwardja, jistgħu jiġu kkunsidrati. Il-Kummissjoni ser tinkludi dawn, kif xieraq, fil-proposti tagħha għal kull qafas, għal oqsma bħal-libertà ta' moviment ta' persuni, linji politiċi strutturali jew l-agrikoltura. Barra minn hekk, il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward l-istabbiliment eventwali tal-libertà ta' moviment ta' persuni għandu jippermetti rwol massimu għall-Istati Membri individwali. Arranġamenti jew salvagwardji transitorji għandhom jiġu riveduti rigward l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tas-suq intern.
- Jenħtieġ li jkun hemm provvediment għall-aspetti finanzjarji ta' l-adeżjoni ta' Stat kandidat fil-Qafas Finanzjarju applikabbli. B'hekk, negozjati ta' adeżjoni li għad iridu jinfetħu ma' kandidati li l-adeżjoni tagħhom jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji sostanzjali jistgħu jiġu konklużi biss wara l-istabbiliment tal-Qafas Finanzjarju għall-perijodu mill-2014 flimkien ma' riformi finanzjarji konsegwenzjali possibbli.
- L-għan kondiviż tan-negozjati huwa l-adeżjoni.
Dawn in-negozjati huma proċess miftuħ, li r-risultat tiegħu ma jistax jiġi garantit minn qabel.
Filwaqt li jittieħed kont tal-kriterji kollha ta' Kopenhagen, jekk l-Istat kandidat mhux f'posizzjoni li jassumi b'mod sħiħ l-obbligi kollha ta' sħubija jrid jiġi żgurat li l-Istat kandidat ikkonċernat ikun marbut b'mod sħiħ ma' l-istrutturi Ewropej permezz ta' l-iktar rabta soda possibbli.

- Fil-każ ta' infrazzjoni serja u persistenti fi Stat kandidat tal-prinċipji ta' libertà, demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt li fuqhom hi bbażata l-Unjoni, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq talba ta' terz mill-Istati Membri, tirrakkomanda s-sospensjoni tan-negozjati u tipproponi l-kondizzjonijiet għal tkomplija eventwali. Il-Kunsill ser jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar tali rakkomandazzjoni, wara li jkun sema' l-Istat kandidat, jekk jissospendi n-negozjati u dwar il-kondizzjonijiet għat-tkomplija tagħhom. L-Istati Membri ser jaġixxu fil-KIG skond id-deċiżjoni tal-Kunsill, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ġenerali għall-unanimità fil-KIG. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat.
- B'mod parallel għan-negozjati ta' l-ażenżjoni, l-Unjoni għandha timpenja ruħha ma' kull Stat kandidat fi djalogu politiku u kulturali intensiv. Bl-għan li jissaħħaħ il-fehim reċiproku billi jinġiebu flimkien in-nies, dan id-djalogu inklussiv ikun jinvolvi wkoll is-soċjetà ċivili.

IT-TERRORIŻMU

24. Il-Kunsill Ewropew tenna d-determinazzjoni soda tiegħu li jiġġielew it-theddida terroristika kontinwa permezz ta' approċċ komprensiv u integrat li jirrinforza koperazzjoni kemm interna kif ukoll internazzjonali, skond il-prinċipji li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea.
25. Id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali m'għandhomx jitħallew jiġu mdgħajfa mit-terroriżmu. Sforzi biex jiġi miġġielew it-terroriżmu jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-Kunsill Ewropew saħaq l-importanza tal-promozzjoni ta' rispett bbażat fuq valuri universali, tolleranza, djalogu bejn nies ta' fidi differenti u bejn kultura u oħra u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà.

26. Il-Kunsill Ewropew tenna l-konvinzjoni tiegħu li sabiex tkun effettiva fil-perijodu fit-tul ir-risposta ta' l-Unjoni għat-terroriżmu għandha tittratta l-kawżi bażiċi tat-terroriżmu. Ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ terroristiku jistgħu jkunu marbutin b'mod strett. Il-Kunsill Ewropew għamel sejħa lill-Kunsill biex jistabbilixxi strateġija għall-perijodu fit-tul u pjan ta' azzjoni fuq iż-żewġ kwistjonijiet sa Ġunju 2005, waqt li jibni fuq ir-rapport dwar ir-reklutaġġ adottat reċentement mill-Kunsill. Stieden lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jissottomettu proposti għal dan l-effett.
27. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal implimentazzjoni minnufih tal-miżuri identifikati fil-*Programm ta' l-Aja dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja* rilevanti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.
- B'mod partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni bejn servizzi relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu għandu jittejjeb.
- Wara li jittieħed kont tax-xogħol li qed isir, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti bbażati fuq il-prinċipju tad-disponibbiltà ta' informazzjoni skond il-Programm ta' l-Aja.
28. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE rivedut u rapporti addizzjonali ppreżentati mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-progress magħmul minn Ġunju 2004, li għandu jwassal għal riżultati konkreti oħra kif muri f'dawn il-kontributi, notevolment:
- l-infurzar mill-ġdid ta' koperazzjoni Prattika u Operattiva notevolment permezz ta' l-Europol u t-*Task Force* tal-Kapijiet tal-Pulizija; skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol u l-Eurojust; skambju ta' *data* ma' l-Interpol dwar passaporti mitlufa jew misruqa; valutazzjonijiet ta' peers fi 15-il Stat Membru ta' l-istrutturi nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu li għandhom jiġu kompletati sal-25 ta' Settembru 2005. L-Istati Membri huma msejħa jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ ta' dawn l-istrutturi;

- dwar koperazzjoni ġudizzjarja: skambju mtejjeb ta' informazzjoni minn reġistri kriminali (li għandu jiġi żviluppat iżjed sa l-aħħar ta' l-2005 abbażi tal-*White Paper* tal-Kummissjoni); progress dwar iż-żamma ta' *data* dwar it-telekomunikazzjonijiet u l-Mandat Ewropew ta' l-Evidenza (li t-tnejn għandhom jiġu miftiehma fl-2005). Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għal Program Ewropew ta' Protezzjoni - mill-aktar fis possibbli - biex jiġu protetti u assistiti vittmi tat-terroriżmu kif ukoll xhieda f'każijiet ta' terroriżmu;
- fir-rigward ta' sigurtà fil-fruntieri u tad-dokumenti: is-sigurtà msaħħa ta' passaporti ta' l-UE bl-inklużjoni ta' *data* bijometrika (xbieha tal-wieċ u marki tas-swaba') u l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Fruntieri (li għandha tkun operattiva sa Mejju 2005);
- dwar koperazzjoni fir-rigward ta' tagħrif sigriet, ir-rabtiet stabbiliti bejn il-Grupp Kontra t-Terroriżmu u ċ-Ċentru ta' Sitwazzjoni ta' l-UE li ġie infurzat mill-ġdid u li sa mill-1 ta' Jannar 2005 ser jipprovdi lill-Kunsill bi valutazzjonijiet strateġiċi ta' theddid bbażati fuq tagħrif sigriet mis-servizzi nazzjonali; u l-iskambju mtejjeb ta' informazzjoni ma' l-Europol. Il-Kunsill Ewropew stieden lis-SĠ/RĠh biex jirrapporta dwar il-progress, inkluża koperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi tal-pulizija u tas-sigurtà, ukoll f'konnessjoni mas-SitCen;
- miżuri biex jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroristi, notevolment ftehim dwar kontrolli tal-flus kontanti deklin u heġġin mill-Unjoni u dwar it-tielet Direttiva tal-*Money Laundering*; l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji kontra terroristi u l-organizzazzjonijiet tagħhom; u d-dokument strateġiku ġenerali ppreżentat mis-SĠ/RĠh u l-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hi mistiedna tippreżenta lill-Kunsill mill-aktar fis possibbli proposti biex jiġi prevenut l-użu ħażin ta' organizzazzjonijiet karitatevoli għall-finanzjament tat-terroriżmu u l-Istati Membri huma mħeġġa jippreżentaw ismijiet magħrufa ta' individwi u gruppi għall-inklużjoni fil-lista ta' l-Unjoni Ewropea għall-iffriżar ta' assi, li b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' l-efikaċja tas-sistema ta' sanzjonijiet;

- konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kapaċità tal-protezzjoni ċivili dwar il-prevenzjoni, il-livell ta' preparazzjoni u r-risposta għal attakki terroristiċi u l-istabbiliment ta' Programm ta' Solidarjetà rigward il-konsegwenzi ta' theddid u attakki terroristiċi. Valutazzjoni oħra tal-kapaċijiet li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli lill-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili fil-każ ta' attakk hi meħtieġa sa Ġunju 2005, kif ukoll valutazzjoni u żviluppi oħra tal-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili, inklużi eżerċizzji konġunti u kordinazzjoni ta' l-informazzjoni pubblika, u disponibbiltà mtejba ta' riżorsi mediċi. Programm Ewropew għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika b'effetti potenzjali transkonfini għandhom jiġu stabbiliti qabel l-aħħar ta' l-2005;
- progress fil-linji politiċi esterni permezz ta' klawżoli kontra t-terroriżmu fi ftehim ma' pajjiżi terzi li għandhom isiru operattivi mill-iktar fis possibbli; fil-qafas ta' koperazzjoni transatlantika intensifikata, l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-SU ta' l-2004 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu; il-qafas konċettwali u l-punti ta' azzjoni dwar id-dimensjoni PESD tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; u t-tisħiħ tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' prijorità permezz ta' djalogu u assistenza kif ukoll it-trawwim ta' koperazzjoni reġjonali. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma msejħa jistabbilixxu *network* ta' esperti nazzjonali biex iwieġbu għal talbiet għal assistenza teknika minn pajjiżi terzi.

29. Il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jimplimentaw b'mod effettiv fuq bażi ta' prijorità l-miżuri miftiehma mill-Unjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti, u ħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE u jirrispettaw it-termini perentorji tiegħu.
30. Il-Kunsill Ewropew talab lis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kunsill, flimkien mal-Kummissjoni, biex jissottomettu rapport tal-progress sussegwenti li jinkludi kwalunkwe rakkomandazzjoni li jixtiequ jagħmlu dwar it-titjib ta' riżultati u/jew sforzi u inizjattivi addizzjonali f'Ġunju 2005.

III IL-QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

Prinċipji u Linji Gwida

31. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-Rapport dwar il-Progress tal-Presidenza dwar ix-xogħol intensiv magħmul fuq il-proposti dwar il-Qafas Finanzjarju 2007-2013 tal-Kummissjoni, inklużi l-Ftehim Interistituzzjonali/flessibilità u r-riżorsi proprji.
32. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-Qafas Finanzjarju l-ġdid, li għandu jiġi miftiehem f'negozjati komprensivi, għandu jipprovdi l-mezzi finanzjarji meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu trattati b'mod effettiv u ekwu sfidi futuri, inklużi dawk li jirriżultaw minn disparitajiet fil-livelli ta' żvilupp fl-Unjoni mkabbra. Linji politiċi miftiehma skond it-Trattat għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji ta' sussidjarjetà, proporzjonalità u solidarjetà. Għandhom ukoll jipprovdu valur miżjud. Jenħtieġ li l-infiq għal oqsma individwali ta' politika jitqies fil-kuntest tal-livell globali ta' infiq, u jenħtieġ li tali infiq jitqies fil-kuntest tan-negozjati globali inkluża l-kwistjoni tar-riżorsi proprji.
33. Il-Qafas Finanzjarju li ġej għandu juri l-isforzi determinati lejn dixxiplina tal-*budget* fl-oqsma ta' politika kollha fi ħdan kuntest ġenerali ta' konsolidazzjoni tal-*budget* fl-Istati Membri. Dan l-għan ser jiġi żgurat b'mod partikolari billi tinżamm demarkazzjoni stretta bejn oqsma wiesgħa ta' politika u proporzjon ibbilanċjat ta' impenji għal ħlasijiet. Billi miżuri eżistenti biex tiġi żgurata flessibilità tal-*budget* ħadmu sew, f'dan l-istadju arranġamenti addizzjonali ta' flessibilità m'humx meqjusa meħtieġa.
34. Il-Kunsill Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni biex jinżamm il-limitu massimu għar-riżorsi proprji fil-livell attwali ta' 1,24% tal-GNI ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport dwar l-operat tas-sistema ta' riżorsi proprji kif ukoll tal-proposta biex jiġi introdott mekkaniżmu ta' korrezzjoni ġeneralizzat, fid-dawl tad-diversi posizzjonijiet espressi sa issa. Għamel sejħa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ikompli jeżaminaw il-kwistjonijiet kollha li jitqajmu f'dan ir-rigward, inkluża s-simplifikazzjoni possibbli tas-sistema.

35. Il-Presidenza li jmiss f'koperazzjoni mal-Kummissjoni hi mistiedna biex tkompli b'mod attiv ix-xogħol lejn l-istabbiliment tal-Qafas Finanzjarju li ġej. Xogħol ieħor fuq il-Qafas Finanzjarju għandu jieħu kont sħiħ tal-firxa ta' posizzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-proposti tal-Kummissjoni u r-Rapport dwar il-Progress inklużi l-moduli u l-kwistjonijiet involuti u jikkonforma mal-kalendarju tal-Programm Strateġiku Pluriennali, inkluż l-għan li jintlaħaq ftehim politiku sa Ġunju 2005.
36. Il-Presidenza li jmiss hija barra minn hekk mistiedna biex tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tistabbilixxi kuntatti xierqa mal-Parlament Ewropew.

ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

L-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi (2005-2012)

37. Il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija dwar id-Drogi 2005-2012, li ser tiġi inkluża fil-Programm ta' l-Aja. L-Istrateġija ser tkun strument ċentrali biex jiġu kkonfrontati b'mod effettiv l-użu u t-traffikar tad-drogi bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-benesseri u l-koeżjoni soċjali, kif ukoll livell għoli ta' sigurtà għall-pubbliku ġenerali. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill proposta għal Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija fl-2005-2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill kmieni fl-2005 u biex tħejji valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tiegħu fl-2008.

Politika ta' integrazzjoni ta' l-immigranti

38. Waqt li fakkar il-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2003 u Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew laqa' l-istabbiliment ta' prinċipji bażiċi komuni għall-politika ta' integrazzjoni ta' l-immigranti ta' l-Istati Membri. Dawn għandhom ikunu l-bażi ta' qafas komprensiv dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, wara li jittieħed kont tad-diversità legali, politika, ekonomika, soċjali u kulturali ta' l-Istati Membri. Jeħtieġ li jiġu żviluppati fid-dawl ta' esperjenzi kondiviżi. Il-Kunsill Ewropew innota li linji politiċi effettivi ta' integrazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi fi ħdan l-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal dan, u f'dan ir-rigward laqa' r-riżultat tal-Konferenza Ministerjali dwar l-integrazzjoni li tat attenzjoni speċjali liż-żgħażaġħ esposti għal influwenzi radikali.

39. Barra minn hekk il-Kunsill Ewropew laqa' r-riżultat tal-Konferenza Ministerjali dwar il-Politika Urbana u għaraf l-importanza ta' żoni urbani għall-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali.

AFFARIJJIET ESTERNI

40. Il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn tiegħu lejn l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, li adotta sena ilu. Abbażi ta' l-orjentazzjonijiet tagħha, l-Unjoni żiedet b'suċċess il-kapaċità tagħha li tagħmel impatt fuq skala globali. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Presidenza li jmiss biex tkompli timplimenta l-Istrateġija f'koperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u mal-Kummissjoni u biex tintegra l-orjentazzjonijiet tagħha fil-linji politiċi Ewropej kollha rilevanti.

It-trattament ta' tħassib prinċipali

41. Il-Kunsill Ewropew approva r-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar il-Proliferazzjoni ta' l-Armi tal-Qerda tal-Massa (WMD) u nnota l-progress f'dan ir-rigward fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-koperazzjoni ma' l-IAEA u ma' l-OPCW. Afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li juża l-istrumenti kollha għad-disposizzjoni tiegħu kontra t-theddida tal-proliferazzjoni tad-WMD u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom.
42. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-ftehim li ntlaħaq ma' l-Iran fil-15 ta' Novembru fir-rigward tal-kwistjonijiet nukleari u l-koperazzjoni futura, wara negozjati ma' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit sostnuti mir-Rappreżentant Għoli. Saħaq li s-sostenn tas-sospensjoni sħiħa ta' l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u dawk ta' ipproċessar mill-ġdid kien essenzjali biex jitkompla l-proċess globali. Sostna sforzi oħra bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar arranġament għal perijodu fit-tul. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Novembru 2004 dwar it-tkomplija tan-negozjati dwar Ftehim Kummerċjali u ta' Koperazzjoni wara verifika reċenti ta' sospensjoni. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma r-rieda ta' l-Unjoni li tesplora modi biex tiżviluppa iktar il-koperazzjoni politika u ekonomika ma' l-Iran, wara azzjoni mill-Iran biex jittratta oqsma oħra ta' tħassib ta' l-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-approċċ ta' l-Iran għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

43. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-għan tiegħu ta' Iraq bħala pajjiż sigur, unifikat, prosperu u demokratiku, li ser jaħdem b'mod kostruttiv mal-ġirien tiegħu u mal-komunità internazzjonali biex jintlaħqu l-isfidi komuni. Tenna d-determinazzjoni tiegħu li jsostni l-awtoritajiet u l-poplu ta' l-Iraq, inter alia permezz ta' sostenn għall-elezzjonijiet, finanzjament tal-protezzjoni tan-NU, assistenza għar-rikostruzzjoni, tisħiħ tas-settur tal-ġustizzja kriminali u promozzjoni tar-rispett ta' l-istat tad-dritt, u żvilupp tal-koperazzjoni politika u kummerċjali ma' l-Iraq. Il-Kunsill Ewropew esprima s-sostenn sħiħ ta' l-UE għall-proċess ta' transizzjoni politika li jwassal għal Gvern Iraqi maħtur b'mod demokratiku u kostituzzjonali kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 1546 tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU. Enfasizza l-importanza ta' proċess politiku wiesa' u inklużiv għall-elezzjonijiet ġenerali f'Jannar 2005.
44. Il-Kunsill Ewropew ikkongratula lill-President Karzai għall-inawgurazzjoni tiegħu u laqqa' l-impenn tiegħu li jkompli r-riforma demokratika, u saħaq l-impenn għal perijodu fit-tul ta' l-UE għar-rikostruzzjoni, l-iżvilupp u l-istabilizzazzjoni ta' l-Afganistan. L-UE ser tkompli tagħti sostenn lill-proċess attwali ta' demokratizzazzjoni, inklużi l-elezzjonijiet parlamentari u lokali tas-sena d-dieħla, l-isforzi kontra n-narkotiċi, ir-riforma ġudizzjarja u tas-settur tas-sigurtà u d-Diżarmament, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni.

Il-bini ta' rabtiet aktar b'saħħithom mal-ġirien tagħna

45. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda ta' Tessaloniki, li tisħaq li l-futur tal-pajjiżi tal-Balkani huwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-laqgħat ministerjali reċenti tal-Forum UE-Balkani tal-Punent servew għall-valutazzjoni tal-progress li ntlaħaq u biex jiġu identifikati l-isfidi li ġejjin. Il-Kunsill Ewropew saħaq li l-progress ta' kull pajjiż lejn l-integrazzjoni Ewropea jiddependi fuq l-isforzi tiegħu stess biex jilħaq il-kriterji ta' Kopenhagen u l-kondizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ċentrali bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoritajiet u l-koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY. Barra minn hekk, f'dan il-proċess il-koperazzjoni reġjonali ser tibqa' element essenzjali tal-politika ta' l-UE.

46. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon il-progress magħmul fil-qafas tal-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ENP). L-ewwel sensiela ta' Pjanijiet ta' Azzjoni mħejjija flimkien mal-Ġordan, il-Marokk, it-Tuniżija, il-Moldova, l-Ukraina, l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana ġew iffinalizzati b'suċċess. Fir-rigward ta' l-Ukraina, il-Kunsill Ewropew tenna l-importanza suprema ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, kif rifless fil-pjan ta' azzjoni. Laqa' l-ftehim li ntlaħaq mill-Kunsill dwar il-kontenut tal-pjan ta' azzjoni li ser jintbagħat lill-Kunsill dwar il-Koperazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina hekk kif żviluppi fl-Ukraina jippermettu li tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tiegħu. L-UE tistenna bil-ħerqa li taħdem flimkien ma' sħab biex timplimenta riformi u priyoritajiet oħra miftehma, u biex tibda tadotta Pjanijiet ta' Azzjoni għall-pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar matul is-sena d-dieħla. L-UE ser tiegħu passi biex tikkomunika u turi l-benefiċċji ta' l-ENP għall-popolazzjoni tal-Belarus u ser tagħti sostenn għat-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u għall-proċess ta' demokratizzazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jistenna wkoll bil-ħerqa l-bidu ta' konsultazzjonijiet bil-ħsieb li jiġu adottati Pjanijiet ta' Azzjoni mal-bqija tas-sħab tal-Mediterran li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħhom daħlu fis-seħħ jew li rratifikaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħhom. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirrappurtaw regolarment dwar il-progress imwettaq.
47. Il-Proċess ta' Barċellona, imsaħħaħ mill-ENP, huwa l-għodda prinċipali għal sħubija, koperazzjoni u djalogu fir-Reġjun tal-Mediterran. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni meħuda mill-Konferenza Ewromediterranja tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin fl-Aja li jiddikjaraw l-2005 bħala s-sena tal-Mediterran. Il-Proċess ta' Barċellona jista' jagħmel kontribut kbir għall-proċess ta' modernizzazzjoni u riforma ġġenerat minn ġewwa s-soċjetajiet ikkonċernati. L-10 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona ser iservi biex jissaħħaħ u jerġa' jingħata bidu għall-proċess Euromed.
48. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress li sar ma' pajjiżi oħra tar-reġjun tal-Lvant Nofsani u stieden konsultazzjonijiet oħra mal-gvernijiet u partijiet interessati oħra kkonċernati. Għamel sejħa lill-korpi rilevanti tal-Kunsill biex ikomplu jaħdmu lejn it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha rilevanti.

49. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-bidu ta' l-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika ta' l-UE mal-Mediterran u l-Lvant Nofsani. Tenna l-importanza ta' l-impenji tas-sħab ikkonċernati biex jimpenjaw ruħhom fir-riformi u għaraf li r-relazzjonijiet ta' l-UE ma' dawn il-pajjiżi għandhom karatteristiċi distinti li jistħoqqilhom approċċ differenzjat.
50. Il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjonijiet separati dwar l-Ukraina u l-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani (Annessi I u II).

Ordni internazzjonali bbażat fuq multilateraliżmu effettiv

51. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-dikjarazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' ħajt lix-xogħol li hu u s-Segretarjat tan-NU kienu qed jagħmlu f'ħafna oqsma. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Theddid, l-Isfidi u t-Tibdil, b'mod partikolari l-approċċ komprensiv għas-sigurtà kollettiva. Is-segwitu għall-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà dwar multilateraliżmu effettiv u ordni internazzjonali bbażat fuq id-dritt, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju, għandu jimmira għal sostenn ta' l-isforzi tas-Segretarju-Ġenerali tan-NU. L-UE hija ferm determinata li jkollha rwol ewlieni fi ħdan in-NU.
52. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni li jinħatar Rappreżentant Personali tas-SĠ/RĠh għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-qasam tal-PESK bħala kontribut għall-koerenza u l-kontinwità tal-politika ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, waqt li jittieħed kont debitu tar-responsabilitajiet tal-Kummissjoni.
53. Il-Kunsill Ewropew saħaq l-importanza tat-tiżiż tad-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni u l-proposti inizjali magħmula mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-kwistjoni.

Ħidma mas-sħab

54. Il-Kunsill Ewropew saħaq l-impenn tiegħu biex isaħħaħ id-djalogu strateġiku mas-sħab transatlantiċi tiegħu bil-ħsieb li jiġu fformulati approċċi konġunti. Għal ferm aktar minn 60 sena, is-sħubija transatlantika flimkien ma' l-integrazzjoni Ewropea kienet il-forza prinċipali għall-paċi u l-prosperità. Illum, kemm l-Ewropa kif ukoll l-Amerika jiffaċċjaw theddid u sfidi ġodda. Fuq dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew fakkar li, kif dikjarat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, is-sħubija transatlantika hija insostitwibbli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa ż-żjara li ġejja tal-President Bush fl-Ewropa. Laqa' l-inizjattiva għal trojka ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ta' kull sena ma' l-Istati Uniti u l-parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati fuq iż-żewġ naħat ta' l-oċean fil-konsultazzjonijiet dwar aktar tisħiħ tar-relazzjonijiet transatlantiċi.
55. L-importanza li l-UE u r-Russja jagħtu lis-sħubija strateġika tagħhom, ibbażata fuq valuri u interessi komuni, ġiet enfasizzata fl-aħħar Summit UE-Russja. Sar progress konsiderevoli fuq il-ħolqien ta' l-erba' Spazji Komuni u, bil-ħsieb tas-Summit UE-Russja li ġej f'Mejju 2005 f'Moska, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-adozzjoni ta' pakkett komprensiv u bilanċjat ta' *roadmaps* mill-aktar fis possibbli. B'mod parallel ma' dan, il-ħidma lejn l-implimentazzjoni ta' elementi li dwarhom intlaħaq ftehim proviżorju għandha tibda l-aktar kmieni possibbli.
56. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-risultat tal-laqgħat tas-Summit ma' l-ASEM, ir-Repubblika tal-Korea u l-Indja, li wessgħu u saħħu r-relazzjonijiet mas-sħab Ażjatiċi. Stieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jibdew l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni ma' l-Indja li għandu jiġi approvat fis-6 Summit UE-Indja f'New Delhi fl-2005. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ ukoll il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jintensifikaw il-koperazzjoni ma' l-Indonesja inkluż fil-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-djalogu bejn nies ta' fidi differenti, ir-riformi u l-iżvilupp sostenibbli.

57. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-riżultati tas-seba' Summit UE-Ċina li seħħ fl-Aja fit-8 ta' Diċembru. Stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jespjoraw aktar il-fattibbiltà ta' ftehim kwadru ġdid UE-Ċina u ta' koperazzjoni possibbli fuq kwistjonijiet bħall-ammissjoni mill-ġdid u l-istatus ta' ekonomija tas-suq. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li r-relazzjonijiet UE-Ċina żviluppaw b'mod sinifikanti fl-aspetti kollha fis-snin li għaddew. Qed jistenna bil-ħerqa għal aktar progress fl-oqsma kollha ta' din ir-relazzjoni kif imsemmi fl-Istqarrija Konġunta ta' l-UE-Ċina, b'mod partikolari, ir-ratiffika tal-Patt Internazzjonali dwar id-drittijiet ċivili u politiċi. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid ir-rieda politika li titkompla l-ħidma lejn it-tneħħija ta' l-embargo ta' l-armi. Stieden lill-Presidenza li jmiss biex tiffinalizza l-ħidma avanzata sew sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni. Saħaq li r-riżultat ta' kwalunkwe deċiżjoni m'għandux ikun wieħed ta' żieda fl-esportazzjoni ta' armi minn Stati Membri ta' l-UE lejn iċ-Ċina, la f'termini kwantitattivi u lanqas kwalitattivi. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew fakkar l-importanza tal-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-esportazzjoni ta' armi, b'mod partikolari kriterji dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun u s-sigurtà nazzjonali ta' pajjiżi ħbieb u allejati. Il-Kunsill Ewropew emfasizza wkoll l-importanza f'dan il-kuntest ta' l-adozzjoni bikrija tal-Kodiċi ta' Kondotta rivedut u l-istrument ġdid dwar miżuri li jappartjenu għall-esportazzjoni ta' armi lejn pajjiżi li qabel kienu taħt embargo ('Toolbox').
58. Matul l-aħħar sitt xhur l-UE saħħet il-koperazzjoni tagħha ma' l-Unjoni Afrikana (UA) u organizzazzjonijiet sub-reġjonali, inklużi l-ECOWAS, l-SADC u l-IGAD. Il-Kunsill Ewropew saħaq l-impenn tiegħu għal kontributi kontinwi mill-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni fil-kontinent Afrikan, b'mod partikolari fis-Sudan, fir-reġjun tal-Lagi Kbar, fl-Afrika tal-Punent u fis-Somalja. L-UE ser tkompli tassisti lill-missjoni ta' l-UA f'Darfur u l-proċess ta' paċi u transizzjoni fir-reġjun tal-Lagi Kbar, kif stabbilit fil-konklużjonijiet reċenti tal-GAERC. Laqa' l-istabbiliment ta' l-istituzzjonijiet federali transitorji fis-Somalja u ser ikompli jgħinhom, kif stabbilit fil-konklużjonijiet reċenti tal-GAERC. Wara l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi meħuda kontra l-Kosta ta' l-Avorju abbażi ta' l-UNSCR 1572, il-Kunsill Ewropew jilqa' u jsostni l-isforzi ta' medjazzjoni magħmula f'isem l-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS permezz tal-missjoni għall-Kosta ta' l-Avorju mill-President Thabo Mbeki li magħha ġiet assoċjata l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew laqa' ż-żieda fil-parteċipazzjoni reġjonali u saħaq li l-UE ser tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet tagħha ma' l-UA u organizzazzjonijiet sub-reġjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà.

59. Il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn ta' l-UE għall-konsolidazzjoni tas-sħubija strateġika bi-reġjonali ma' l-Amerika Latina u l-Karibew. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ikkonferma r-rieda ta' l-UE li tagħmel aktar progress ibbażat fuq sforzi miż-żewġ naħat bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati n-negozjati UE-Mercosur u laqa' l-bidu, mistenni f'Jannar 2005, tal-valutazzjonijiet konġunti tal-proċessi rispettivi ta' integrazzjoni ta' l-Amerika Ċentrali u tal-Komunità Andina, kif mitlub fid-Dikjarazzjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew f'Gwadalajara.

PESD

60. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-bidu b'suċċess ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE Althea fil-Bosnja u Herzegovina fit-2 ta' Diċembru, li tisħaq il-wegħda ta' l-Unjoni għall-istabbiltà u s-sigurtà f'dan il-pajjiż u hija eżempju prattiku tas-sħubija strateġika fil-maniġġar ta' kriżijiet man-NATO. Innota wkoll it-tmexxija b'suċċess tat-tliet missjonijiet attwali tal-PESD – il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE fil-Bosnja u Herzegovina, l-EUPOL Proxima f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Missjoni ta' l-Istat tad-Dritt Themis fil-Ġeorġja. Il-Presidenza li jmiss u s-SĠ/RĠh huma mitluba jkomplu, f'koperazzjoni mill-qrib man-NU, it-tħejjijiet għal missjoni tal-pulizija u għal missjoni possibbli ta' riforma fis-settur tas-sigurtà li attwalment qed tiġi eżaminata, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u għal missjoni integrata possibbli ta' pulizija, ta' l-istat tad-dritt u ta' l-amministrazzjoni ċivili għall-Iraq li hija mistennija tibda wara l-elezzjonijiet ta' Jannar 2005.
61. Il-Kunsill Ewropew approva r-Rapport tal-Presidenza dwar il-PESD, inkluż il-mandat għall-Presidenza li jmiss, u laqa' b'mod partikolari l-progress fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari u ċivili rifless f'dan ir-rapport, inklużi deċiżjonijiet dwar il-gruppi tattiċi ta' l-UE (bħala parti mill-elementi ta' intervent rapidu) kif ukoll dwar l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma ambizjuż u tal-*budget* għall-2005 għall-Aġenzija Ewropea tad-Difiża. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Għanijiet Prinċipali Ċivili ta' l-2008.

62. Il-Kunsill Ewropew approva l-proposti dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dokument intitolat “Difiża Ewropea: konsultazzjoni, ippjanar u operazzjonijiet NATO/UE”, li jippermettu liċ-ċellula ċivili/militari tibda x-xogħol tagħha kif previst, inkluż l-istabbiliment ta’ ċentru ta’ l-operazzjonijiet li għandu jkun disponibbli l-aktar tard sa Jannar 2006. Il-proposti jservu wkoll bħala bażi għal ftehim man-NATO dwar l-istabbiliment kif previst ta’ ċellula żgħira ta’ l-UE fi SHAPE u ta’ arranġamenti ta’ kollegament tan-NATO ma’ l-EUMS.

Koperazzjoni internazzjonali

63. Il-Kunsill Ewropew enfażizza l-importanza li jiġi żgurat kontribut koerenti ta’ l-ODA tal-KE għall-eliminazzjoni tal-faqar fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw. F’dan il-kuntest, waqt li junura l-impenji eżistenti, il-Kunsill Ewropew saħaq fuq il-hteġa biex jinstabu modi biex jiżdied il-fokus fuq l-ifqar, b’fokus speċifiku fuq l-Afrika.
64. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-impenn sħiħ ta’ l-Unjoni Ewropea għall-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u għall-hteġa li jiġi żgurat progress biex dawn jintlaħqu, b’mod partikolari fl-Afrika Subsaharjana. F’dak ir-rigward, il-Kunsill Ewropew laqa’ l-konsultazzjoni mill-Kummissjoni ma’ Stati Membri individwali bil-ħsieb li jiġu ppreżentati lill-Kunsill (GAERC) f’April 2005 proposti konkreti biex jiġu stabbiliti miri ta’ l-ODA ġodda u adegwati għall-perijodu 2009-2010, waqt li jittieħed kont tal-posizzjoni ta’ l-Istati Membri ġodda. L-Unjoni Ewropea ser tesplora wkoll modi innovativi ta’ finanzjament ibbażati fuq proposti sottomessi mill-Kummissjoni bil-ħsieb ta’ l-Avveniment ta’ Livell Għoli ta’ l-2005.
65. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ, fil-qafas ta’ l-ilħuq tal-MDGs, għal aktar tisħiħ tal-koerenza tal-linji politiċi għall-iżvilupp billi jsir użu usa’ u aktar sistematiku tal-mekkaniżmi eżistenti għall-konsultazzjoni u l-istima ta’ impatt u l-proċeduri ta’ kontroll ta’ l-impatt tal-linji politiċi kollha rilevanti fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
66. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza ta’ l-implimentazzjoni ta’ l-Aġenda Kajr/ICPD u l-għlieda kontra l-HIV/AIDS biex jintlaħqu l-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju. Jilqa’ l-progress li sar f’dan il-qasam u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-impenn tagħhom fi tħejjija għall-Avveniment ta’ Livell Għoli tan-NU.

VI. KWISTJONIJIET OĦRA

Valuri kondiviżi

67. Il-Kunsill Ewropew innota b'approvazzjoni s-sensiela ta' dibattiti pubbliċi organizzati mill-Presidenza, li impenjaw parteċipanti bi profili u esperjenzi differenti, dwar l-identità Ewropea u l-kunċett ta' valuri kondiviżi bħala l-pedament ta' integrazzjoni u koperazzjoni Ewropea.
68. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-riżultati ta' din is-sensiela ta' dibattiti, tar-rapport tal-Kunsill ta' l-Edukazzjoni dwar l-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza u ta' l-inizjattivi segwenti u laqa' inizjattivi oħra għall-avvanz tal-valuri li jikkontribwixxu għal ċittadinanza attiva fl-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra r-riżultati tad-dibattiti u s-sejbiet ewlenin tar-rapport meta tħejji l-Programm għaċ-Ċittadini futur tagħha u l-istrateġija tal-komunikazzjoni tagħha għall-2005.

Koperazzjoni Konsulari

69. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-importanza ta' koperazzjoni konsulari intensifikata. Laqa' l-ftehim milħuq fil-Kunsill dwar il-qsim ta' riżorsi konsulari u l-koperazzjoni kemm fi żminijiet normali kif ukoll fi żminijiet ta' kriżi, b'hekk l-Istati Membri jiġu mgħejuna biex jittrattaw b'mod aktar effettiv id-domanda dejjem tiżdied għal servizzi konsulari.

Aġenzija ta' l-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

70. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal aktar implimentazzjoni tal-ftehim mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2003 biex tiġi stabbilita Aġenzija ta' l-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem li jista' jkollha rwol ewleni fit-tiżi tal-koerenza u tal-konsistenza tal-Politika ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna

71. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-fatt li, wara li ġie ffirmat it-Trattat Kostituzzjonali, inbeda x-xogħol fuq is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna mill-Presidenza, is-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni.
72. Stieden lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikompli dan ix-xogħol ta' tħejjija, b'mod partikolari billi jiġu identifikati l-kwistjonijiet ċentrali, inkluż l-iskop u l-istruttura tas-servizz futur. Sabiex jiġi żgurat l-involvimenti sħiħ ta' l-Istati Membri f'dan il-proċess, diskussjonijiet regolari ser iseħħu fil-Coreper, bi tħejjija tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni.
73. Il-Kunsill Ewropew stieden lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex iħejju rapport konġunt dwar il-progress ta' dan ix-xogħol ta' tħejjija l-aktar tard għall-aqgħa tiegħu ta' Ġunju 2005, u biex jieħdu passi xierqa biex iżommu lill-Parlament Ewropew infurmat.

DIKJARAZZJONI DWAR L-UKRAINA

1. IL-MEXXEJJA U L-POPLU TA' L-UKRAINA GĦANDHOM JIĠU MFAĦĦRA TALLI SABU SOLUZZJONI PAĊIFIKA GĦALL-KRIŻI POLITIKA F'PAJJIŻHOM. DAN SEĦĦ FI ĦDAN IL-QAFAS LEGALI TA' L-UKRAINA U B'RISPETT GĦALL-INTEGRITÀ TERRITORJALI TAL-PAJJIŻ. IL-KUNSILL EWROPEW IFAHHR IL-MEXXEJJA U L-POPLU TA' L-UKRAINA DWAR IR-RIEDA TAGĦHOM LI JAHD MU MA' FAĊILITATURI INTERNAZZJONALI GĦAL DAN L-GĦAN. HUWA ISSA TA' L-IKBAR IMPORTANZA LI L-IŻVILUPPI POSITTIVI JIĠU SOSTNUTI U LI L-ELETTORAT UKRANJAN JISTA' ISSA JIDDEĊIEDI B'MOD LIBERU DWAR IL-KANDIDAT TA' L-GĦAŻLA TIEGĦU.
2. GĦALDAQSTANT, IL-KUNSILL EWROPEW ISEJJAĦ LILL-AWTORITAJIET TA' L-UKRAINA BIEX JIŻGURAW LI L-ORGANIZZAZZJONI MILL-ĠDID TAT-TIENI SESSJONI TA' ELEZZJONIJIET PRESIDENZJALI TAS-26 TA' DIĊEMBRU 2004 ISSEĦĦ B'KONFORMITÀ MA' L-ISTANDARDS GĦAL ELEZZJONIJIET DEMOKRATIĊI TA' L-OSCE U TAL-KUNSILL TA' L-EWROPA. L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA JOFFRU S-SOSTENN SĦIĦ TAGĦHOM LILL-OSCE/ODIHR FL-OSSERVAZZJONI TA' L-ELEZZJONIJIET, INKLUŻ BILLI JIBAGĦTU NUMRU SOSTANZJALI TA' OSSERVATURI INTERNAZZJONALI.
3. L-UNJONI EWROPEA TILQA' L-KOPERAZZJONI MILL-QRIB BEJN FAĊILITATURI INTERNAZZJONALI TA' L-UNJONI EWROPEA, IL-KUNSILL TA' L-EWROPA, L-OSCE U PAJJIŻI ĠIRIEN, INKLUŻA L-FEDERAZZJONI RUSSA, FL-INKORAĠĠIMENT TAL-PARTIJIET BIEX ISIBU SOLUZZJONI POLITIKA.
4. L-UNJONI EWROPEA TISĦAQ L-IMPORTANZA STRATEĠIKA TA' L-UKRAINA BĦALA ĠAR U SIEĦEB EWLIENI TA' L-UE. L-UNJONI EWROPEA U L-UKRAINA GĦANDHOM INTERESS KOMUNI F'AKTAR TISĦIĦ TAR-RABTIET POLITIĊI, EKONOMIĊI U KULTURALI TAGĦHOM. IL-KUNSILL EWROPEW GĦALHEKK JISĦAQ LI L-UE TIMMIRA LEJN RELAZZJONI MSAĦĦA U DISTINTA BILLI TAGĦMEL UŻU SĦIĦ MILL-OPPORTUNITAJIET ĠODDA OFFERTI MILL-POLITIKA EWROPEA DWAR PAJJIŻI ĠIRIEN.

5. IL-KUNSILL EWROPEW JILQA' L-APPROVAZZJONI REĊENTI MILL-KUNSILL TAL-PJAN TA' AZZJONI MA' L-UKRAINA. WARA T-TWETTIQ TA' ELEZZJONIJIET PRESIDENZJALI LIBERI U ĠUSTI, KUNSILL TA' KOPERAZZJONI UE-UKRAINA BIKRI SER JIĠI ORGANIZZAT BIEX JAGĦTI BIDU GĦALL-PJAN TA' AZZJONI U JISTABILIXXI L-BAŻI GĦAL KOPERAZZJONI IKTAR INTENSIVA. IL-KUNSILL EWROPEW JISTENNA WKOLL BIL-ĦERQA L-PROPOSTI KONKRETI MIS-SEGRETARJU-ĠENERALI/RAPPREŻENTANT GĦOLI U L-KUMMISSJONI GĦAL MODI BIEX TISSAĦĦAĦ IL-KOPERAZZJONI MA' L-UKRAINA, B'UŻU SĦIĦ TAL-PJAN TA' AZZJONI, U B'HEKK TIĠI MSAĦĦA IR-RELAZZJONI TAGĦHA MA' L-UNJONI EWROPEA.
-

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI

1. IL-KUNSILL EWROPEW JILQA' L-ISFORZI REĊENTI MAGĦMULA MIT-TMEXXIJA PALESTINJANA BIEX TIĠI ŻGURATA TRANSIZZJONI DEMOKRATIKA FIT-TERRITORJI PALESTINJANI OKKUPATI. JINKURAĠĠIXXI KEMM L-IŻRAELJANI KIF UKOLL IL-PALESTINJANI BIEX IKOMPLU JIKKOPERAW MILL-QRIB, INKLUŻ FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ, BIL-ĦSIEB TA' ELEZZJONIJIET PRESIDENZJALI PALESTINJANI F'JANNAR. L-UE SER TAGĦTI SOSTENN FINANZJARJU, TEKNIKU U POLITIKU LILL-PROĊESS ELETTORALI, U L-MISSJONI TA' L-OSSERVAZZJONI TAGĦHA – F'KOLLEGAMENT MA' MEMBRI OĦRA TAL-KWARTETT U L-KOMUNITÀ INTERNAZZJONALI – SER TGĦIN BIEX TIVVERIFIKA LI L-PROĊESS ELETTORALI HU DEMOKRATIKU, LIBERU U ĠUST. IL-KUNSILL EWROPEW JILQA' U JAGĦTI SOSTENN UKOLL LILL-INTENZJONI TA' L-AWTORITÀ PALESTINJANA BIEX IŻŻOMM ELEZZJONIJIET LEĠISLATTIVI U LOKALI.
2. IL-KUNSILL EWROPEW TENNA L-IMPENN TIEGĦU LEJN IL-KISBA, PERMEZZ TAL-PROĊESS IMFISSER FIR-*ROADMAP*, TA' SOLUZZJONI NEGOZJATA GĦAL ŻEWĠ STATI LI TIRRIŻULTA FIL-ĦOLQIEN TA' STAT PALESTINJAN INDIPENDENTI, DEMOKRATIKU U VIJABBILI LI JGĦIX FIL-PAĊI U S-SIGURTÀ MA' L-IŻRAEL U L-ĠIRIEN L-OĦRA TIEGĦU. IL-PARTIJIET GĦANDHOM JAĦTFU DIN L-OPPORTUNITÀ BIEX JAĊĊELERAW L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-*ROADMAP* U JERĠĠGHU JAGĦTU BIDU ĠDID LIL PROĊESS POLITIKU SINIFIKANTI.
3. IL-KUNSILL EWROPEW, WAQT LI FAKKAR IL-POSIZZJONIJIET STABBILITI TA' L-UE, U F'KOPERAZZJONI MAL-KWARTETT U L-KOMUNITÀ INTERNAZZJONALI, JESPRIMI R-RIEDA TIEGĦU BIEX JAGĦTI SOSTENN LILL-IRTIRAR IŻRAELJAN MILL-MEDDA TA' GAŻA U PARTI MIN-NOFSINHAR TAX-XATT TAL-PUNENT BĦALA L-EWWEL PASS FIL-PROĊESS ĠENERALI SKOND IL-KONDIZZJONIJIET STABBILITI MILL-KUNSILL EWROPEW TA' MARZU 2004. JESPRIMI BL-ISTESS MOD L-IMPENN TIEGĦU GĦAL SFORZI PAĊIFIĊI INTENSIFIKATI PERMEZZ TA' ĦIDMA MILL-QRIB MAŻ-ŻEWĠ PARTIJIET U L-PAJJIŻI ĠIRIEN KOLLHA. L-UNJONI EWROPEA TKOMPLI TIMPLIMENTA L-PROGRAMM TA' AZZJONI TAL-PERIJODU QASIR LI ĠIE APPROVAT MILL-KUNSILL EWROPEW TA' NOVEMBRU U LI JKOPRI L-ELEZZJONIJIET KIF UKOLL L-OQSMA TA' SIGURTÀ, RIFORMI U L-EKONOMIJA. IS-SUĊĊESS TA' DAWN L-AZZJONIJIET IKUN IMSAĦĦAĦ MILL-FATT LI HUMA F'PERSPETTIVA POLITIKA IKTAR WIESGĦA.

4. IL-KUNSILL EWROPEW JISTIEDEN LIR-RAPPREŻENTANT GĦOLI U LILL-KUMMISSJONI TIPPREŻENTA RAPPORTI REGOLARI DWAR IL-PROGRESS FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM TA' AZZJONI TAL-PERIJODU QASIR U R-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAR-RAPPREŻENTANT GĦOLI MAL-PARTIJET, IL-KOMUNITÀ INTERNAZZJONALI U L-MEMBRI OĦRA TAL-KWARTETT. IL-KUNSILL EWROPEW IĦEĠĠEĠ IL-PARTIJET U D-DONATURI JŻOMMU L-ATTITUDNI POSITTIVA U TA' KOPERAZZJONI ATTWALI. L-IMPENN MILL-UE U L-KOMUNITÀ INTERNAZZJONALI BIEX JAGĦTU SOSTENN LIR-RIKOSTRUZZJONI EKONOMIKA U SOĊJALI PALESTINJANA TKOMPLI TKUN FATTUR ĊENTRALI.
5. IL-KUNSILL EWROPEW IFAKKAR LI PAĊI KOMPRESIVA GĦANDHA TINKLUDI WKOLL IS-SIRJA U L-LIBANU. IFAKKAR UKOLL L-IMPORTANZA TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIŻOLUZZJONI 1559 (2004) TAL-UNSC.